# *KUNSILL LOKALI MARSA*

*Minuti tas-Sitt laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 21 t'Ottubru 2015 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |

## *Skużati*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

### *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

### *2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħames laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 23 ta' Settembru 2015.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellhu emendi fuq il-minuti msemmija, s-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

### *3. Komunikazzjoni mis-Sindku*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill għarraf lill-avukata sabiex tagħti l-aħjar parir legali kif għandu jimxi wara l-protest legali u r-risposti li rċieva dwar in-nuqqas ta' residenti minħabba li l-konfini tal-kunsill ġew mnaqqsa.

3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma wkoll lill-Kunsill li l-Għaqda Storika Kulturali Marsa ġiet notifikata mill-Enemalta li l-istatwa tal-Madonna li kienet mall-bini tas-Sea Malta u nqalat

meta beda l-proġett ta' l-Under Bypass mit-Transport Malta nstabet fl-imħazen tagħhom u qed issir diskussjoni bejn l-Għaqda Storika u l-Enemalta dwar post alternattiv fejn din tista terġa titwaħħal.

3.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li ta' min jirrimarka b'dispjaċir li l-Enemalta qatt ma rrispondiet l-emails tal-Kunsill dwar dan is-suġġett.

3.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur tiġa ġie nfurmat biex jagħmel il-permess għal resurfacing ta' Triq is-Sajjieda wara li kellhu konferma formali mill-Water Services Corporation li din it-triq mhux ser terġa tintmiss b'qattiegħ ieħor, filwaqt li l-kuntrattur tal-Kunsill qed jistenna LA għal house connections mill-WSC. Hu kompla jgħid li r-responsabilita' ta' din it-triq għada taħt il-WSC sakemm issir t-triq mill-Kunsill. Hu żied jgħid li fuq pressjoni tal-Kunsill qed isir xogħol ieħor mill-WSC sabiex ma jerġgħux isofru nkonvenjenti aktar ir-residenti ta' Triq Patri Feliċjan Bilocca u Triq is-Sajjieda ma maltempata oħra billi bix-xogħol mwettaq mill-WSC ma kienx solvut l-inkonvenjent ta' żbroff tad-dranaġġ fl-imsemmija toroq.

## 4. *Deċizjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mill-24 ta'Settembru sat -21 t' Ottubru 2015.*

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-membri prezenti bl-ittra mill-Marsa Scouts li ser jkunu qed jorganizzaw Quddiesa nhar il-Ħadd 8 ta' Novembru 2015 fil-Knisja tat-Trinita' Qaddisa f'isem il-Membri li ħallew din id-dinja. .

4.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ġab ukoll għall-attenzjoni r-risposta tal-MIB fuq it-talba li ressaq għal ħlas is-Sur George Tabone fejn jidher li mhux ġustifikabbli.

4.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li mhux kontra li s-Sur Dione Drago jingħata permess għal double yellow lines quddiem l-istores tiegħu f'Xatt l-Għassara ta' l-Għeneb jekk Transport Malta tapprova din l-applikazzjoni.

4.4 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni wkoll Memo 29/2015 rigward zieda ta' persuna fil-Kunsill għal sitt ġimgħat mogħtija mill-ETC.

4.5 Rigward ittra mill-KNPD dwar ostruzzjoni fuq il-bankina fi Triq Zerafa is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa fuq il-post flimkien mall-Perit u s-Segretarju u ġie kkonfermat li ma jista' jsir l'ebda alternattiva għal talbiet imressqa mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita'

4.6 Għar-rigward ta' siġar li jistgħu jiġu allokati fil-Marsa s-Sindku ppropona li jitħawwlu fiċ-Ċentru Ewkaristiku biswiet Triq Diċembru 13. Dan kien qed jipproponieh is-Sindku għal korrispondenza mibgħutha mill-MSDEC.

4.7 Għar-rigward ta' ġbir ta' ħwejjeġ użati mill-Kunsill kif propost permezz ta' ittra mill-Greenpak is-Sindku qal li huwa ma jaqbilx ma din il-proposta u l-Kunsill m'għandhux jaċċetta . Ħadd mill-Kunsilliera pprezenti ma kien kontra.

4.8 Għar-rigward ta' ittra mibgħutha mill-Aukat Dr Angelo Farrugia & Associates f'isem is-Sur Emmanuel Cassar li allegatament soffra danni fi Triq l-Ingieret is-Sindku talab li l-Kunsill jgħaddi din il-korrispondenza lill-Avukata tal-Kunsill għal tweġiba legali.

4.9 Għar-rigward ta' Timed & Communal Loading / Unloading Bay quddiem Ray's Hardware Ltd is-Sindku wieġeb li l-Kunsill m'għandhux oġġezzjoni. Ħadd mill-membri preżenti ma kien kontra.

## *5. Schedule of Payments 10/15*

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għal ħlasijiet tagħhom kif ippreżentati. Is-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha pprezenti.

## *6. Purchase Order 4105 - 4124*

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 4105 - 4124 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *7. Purchase Request 3085 - 3103*

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 3085 sa 3103 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *8. Deċiżjoni fuq Tender Cleaning and Maintenance of Public Gardens*

8.1 Wara li nqrat l-Iskeda ta' l-offerti u saret diskussjoni fuq l-kumpaniji u l-individwi li tefaw l-offerti tagħhom kif wkoll wara li ġew eżaminati l-ħruġ ta' default notices minn Kunsill Lokali madwar Malta u Għawdex. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li dan il-kuntratt jingħata lil ELC, kemm għax kellhu esperjenza posittiva mall- kunsill matul dawn l-aħħar tlett snin kemm għax qatt ma kellhu default notices f'dawn l-aħħar tlett snin, kif ukoll għax l-offerta tiegħu kienet l-orħos waħda wkoll. Il-Kunsill innota wkoll li kuntrattur li tefa' l-offerta tiegħu kellhu default notice maħruga fil-konfront tiegħu u ddeċieda li jikkunsidra dan il-fatt wkoll fl-evalwazzjoni ta' l-offerti billi ma jikkunsidrax favorevolment l-offerta tiegħu. Is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *9. Deċiżjoni fuq Tender Upkeep and Maintenance of Soft Areas*

9.1 Wara li nqrat l-Iskeda ta' l-offerti u saret diskussjoni fuq l-kumpaniji u l-individwi li tefaw l-offerti tagħhom kif wkoll wara li ġew eżaminati l-ħruġ ta' default notices minn Kunsill Lokali madwar Malta u Għawdex, is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li dan il-kuntratt jingħata lil ELC, kemm għax kellhu esperjenza posittiva mall- kunsill matul dawn l-aħħar tlett snin kif wkoll li kienet waħda posittiva u qatt ma kellhu default notices f'dawn l-aħħar tlett snin, Il-Kunsill innota wkoll li kuntrattur li tefa' l-offerta tiegħu kellhu default notice maħruga fil-konfront tiegħu u ddeċieda li jikkunsidra dan il-fatt wkoll fl-evalwazzjoni ta' l-offerti billi ma jikkunsidrax favorevolment l-offerta tiegħu. Is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *10. Scouts Tribute u Ġieħ il-Marsa*

10.1 Wara diskussjoni li saret fil-Kunsill is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li l-Kunsill għandu jissuġġerixxi li l-Iscouts tagħmel parata u wara jinqraw siltiet mill-poeziji li kiteb il-mibki Antoine Vella quddiem il-kwartieri ta' l-Iscouts fi Triq Zerafa. L-arranġament għandu jsir mill-Iscouts kif ukoll il-programm filwaqt li s-suġġeriment tas-Sur Jean Paul Zammit li ssir attivita' zgħira izda simili ta' l-Attivita' Ikel u Xorb għandha tiġi kkonsidrata fi zmien ieħor billi z-zmien huwa wieħed qasir wisq biex tiġi organizzata tali attivita' . Is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *11. Inawgurazzjoni tal-Monument f'Jum il-Marsa*

11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li din l-attivita' ssir nhar il-Ħadd 17 ta' Jannar fejn l-ewwel issir Quddiesa fl-għaxra w nofs ta' filgħodu (10.30am) fil-Knisja tat-Trinita' Qaddisa u wara jsir il-kxif tal-Monument fi Triq Balbi. Is-suġġeriment tal-Kunsillier Jean Paul Zammit li l'Quddiesa ssir barra quddiem il-Kunsill tista' tiġi kkunsidrata favorevolment wara li ssir konsultazzjoni mall-Kappillan. Is-Sur Jean Paul Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *12. Tiswija ta' diversi ħsarat fuq Bankini*

12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni sabiex jiġu rranġati ċertu ħsarat f'diversi bankini minħabba lmenti li l-Kunsill qed jirċievi. Dawn il-ħsarat jinsabu fuq bankina fi Triq Qormi ħdejn il-Bus stop, Triq Xemxija, Triq Patri Magri, Pjazza Patri Magri, Triq il-Farfett, Triq Hal Qormi ħdejn il-Maltapost, Triq il-Marsa ħdejn tal-ħaxix, Triq il-Menqa ħdejn it-Tug Malta u Xatt il-Mollijiet ħdejn ir-Regatta. Barra minhekk is-Sindku elenka wkoll ħsarat fuq ċint fi Triq Antonio Doublet li jagħmel parti mill-Ġnien Belveder. Is-Sindku pprezenta ritratti ta' dawn il-ħsarat għal benefiċċju tal-Membri pprezenti. Dawn ix-xogħolijiet għandhom isiru mill-Kuntrattur Karmig Ltd li l-Kunsill għandu kuntratt validu miegħu filwaqt li l-aħħar zewġ xogħolijiet elenkati jsiru minn kunrattur jew individwi oħra. Is-Sur Jean Paul Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *13. Website tal-Kunsill*

13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill permezz ta' Kumpanija oħra xtara d-domain li kien tilef minħabba l-Kumpanija li kien jopera magħha u kienet tieħu ħsieb il-website tal-Kunsill. Billi l-informazzjoni kollha tal-website ntilfet il-Kunsill qed jara l-ispiza nvoluta minħabba wkoll il-fatt li sab sponsorship għal din l-ispiza mingħand TCTC. Din il-kumpanija offriet li tgħin lill-Kunsill billi tisponsorja parti mill-ispiza ta' din il-website. Għaldaqstant il-Kunsill qed jitlob kwotazzjonijiet għal dan is-servizz qabel ma jsiru aktar taħdidiet ma dan l-isponsor. Is-Sindku talab li l-Kunsill japprova li jħallas parti mill-ispejjez li ma jaqbzux l-elf mija u ħamsa u sittin ewro (€1165) Is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *14. Tweġibiet għall-misoqsijiet prezentati mill-Kunsilliera*

14.1 Is-Sur Jean Paul Zammit saqsa fuq il-possibilta' li l-ħanut tal-Grocer fi Triq Azzopardi ma Triq San Mikiel jkollhu Reserved Parking. Is-Sindku qal li skond direzzjoni ta' Transport Malta u l-obbligi mposti dan mhux intitolat għal dan il-beneficċju biss il-Kunsill ser jara l-possibilta' li ssir communal loading & unloading bay fil-vicinanzi li tkun tista' tiġi utilizzata minnu wkoll.

Ħadd aktar ma kellhu mistoqsijiet.

## *15. Aġġornament tal-Laqgħa*

15.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru 2015 fis-sebgħa w kwart ta' filgħaxija (7.15pm).

Il-laqgħa spiċċat fis-sitta w kwart ta' filgħaxija (6.15pm).

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv